# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tar-Rikors Numru: 393/2022 TA**

**Renato Zampa (ID 280360M), Dolores Anna Zampa (ID 1563M), Angela Arrigo (ID 528660M), George Preca (ID 748058M), Anna Galea Testaferrata (ID 44963M), Getra Limited (C 9692), Anthony Preca (ID 209736M) Maurizio Busuttil (ID 442633M), Carmela Busuttil (ID 319535M) Dr. Albert Grech (ID 113649M), Anthony Grech (ID 281351M) u Joseph Grech (K.I. Numru 147844M)**

**Vs**

**Avukat tal-Istat**
**U**
**l-Awtorita' tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Gwann (ir-rikorrenti Fondazzjoni ) tat-22 ta' Settembru 2022.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet tal-1 ta' Settembru 2022.

Rat ir-risposta ta' Renato Zampa u oħrajn (l-intimati Zampa) tat-3 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat tas-17 ta' Ottubru 2022.

Semgħet lill-abbli difensuri jitrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal digriet fil-miftuħ.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva, li hija konsapevoli tal-prinċipji evoluti maż-żmien dwar l-Istitut tal-Intervenut fil-Kawża kif regolat minn artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk mhux ser toqgħod tirrepeti l-ġagulatorja ta' Sentenzi fuq dan il-punt.

Fil-Qosor, din il-Qorti tinnota dawn huma l-punti prinċipali għall-każ li għandha quddiemha.

1. Li dan huwa rikors Kostituzzjonali dwar episodju li inqala' quddiem it-Tribunal Ta' Reviżjoni Amministrattiva. Il-Qorti ma għandhiex quddiemha referenza Kostituzzjonali fis-Sens ta' artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

2. Li l-Intimata Fondazzjoni ma hiex parti għall-proċeduri quddiem it-Tribunal.

3. Li l-istess Intimata Fondazzjoni kienet li provokat it-talba għat-tehid tal-ħwienet mertu ta' dawn il-proċeduri permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 2003 lill-Kummissarju tal-Artijiet, l-aventi kawża tal-Awtorita' intimata.

4. Li bi ftehim tal-31 ta' Lulju bejn l-Istat u l-Knisja, ir-rikorrenti Fondazzjoni ġiet fdata lilha l-ammistrazzjoni tal-Konkaditral.

Dwar dawn l-erbgħa punti jibda biex jingħad, li l-proċeduri li għandha quddiemha din il-Qorti huma għal kollox ġodda anke jekk relatati mal-kwistjoni

li hemm pendenti quddiem it-Tribunal. Kienet tkun xort'oħra, li kieku din il-Qorti kellha referenza Kostituzzjonali, għaliex f'dak il-każ mhux biss jitqiesu li huma relatati iżda proċeduralment parti minn dawk il-proċeduri. Fil-każ ta' referenza kostituzjonali, il-Prim'Awla tidderiġi lit-Tribunal liema prinċipji legali għandhom ikunu applikabbli. Imma l-każ odjern huwa għal kollox differenti. Dawn huma proċeduri ntavolati *ex-novo*. Aktar minn hekk artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

*Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell* (Emfażi tal-Qorti).

Allura jekk l-intervent huwa amminisibbli anke fi grad ta' appell, anke meta l-individwu ma kienx parti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, kemm aktar jista' jitlob li jintervjeni fi proċeduri bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, meta kollox għadu fi stadju tal-Qorti tal-ewwel grad.

Għalhekk ftit tagħmel differenza jekk ir-rikorrenti Fondazzjoni hiex parti għal proċeduri quddiem it-Tribunal. Dawn huma proċeduri għal kollox indipendenti minn dawk il-proċeduri l-oħrajn, tant li t-Tribunal ħalla l-proċeduri ta' quddiemu sine die u għalkemm ma qalliex, dan ġara minħabba dawn il-proċeduri u l-eżitu tagħhom. Di fatti Kawża tista' titħalla sine die sakemm tinqata' Kawża oħra ( ara per eżempju artikolu 964 tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta).

Bir-rikors li għamlet l-intimata Fondazzjoni, mhux qed titlob li tintervjeni minħabba xi episodju partikolari f'dawn il-proċeduri, iżda biex tkun tista'

tipparteċipa fl-inċidenzi kollha tagħhom. Kienet hi li preċipitat il-proċeduri quddiem it-Tribunal kif spjegat aktar 'l fuq, u tajjeb jew ħażin l-amministrazzjoni tal-Konkatidral hija f'idejha. Saħansitra tista' tiġbor il-kera minn għand ir-rikorrenti.

Għalkemm veru, li l-Fondazzjoni rikorrenti ma hiex parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, xorta waħda ma hemm xejn xi jżomm milli tagħmel it-talbiet odjerni aktar u aktar meta dawn il-proċeduri ma humiex direttament u proċeduralment konnessi ma' dawk li għadhom pendenti quddiem it-Tribunal, anke jekk relatati. Di piu' għal mistoqsija jekk *prima facie* jeżistux l-elementi biex talba bħal din tintlaqa', mit-Tribunal, ir-risposta hija fil-posittiv. Għalhekk għaliex ma għandux ikun l-istess f'dawn il-proċeduri?

Konformament mas-sistema proċedurali tagħna skond l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jidher illi kondizzjoni neċessarja biex terz jiddaħħal fil-każ hi dik li dan hu titolari ta' dritt soġġettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-domanda tiegħu biex jintervjeni għandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-oħra fuq l-istess oġġett sostanzjali tal-kawża. Dan huwa dak li ġurisprudenza ssejjaħ bħala "*simultaneus processus*".

F'dan il-każ il-Qorti hija konvinta li l-intimata Fondazzjoni għandha interess ġuridiku u mhux sempliċiment interess fl-eżitu għaliex b'dak kollu li ser jiġri f'dawn il-proċeduri, anke jekk ma hiex parti quddiem it-Tribunal, jista' jaffettwa d-drittijiet tagħha qua amministratriċi tal-Konkatedral ta' San Gwann.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet u tordna l-intervent tal-Fondazzjoni b'dan li jkollha għoxrin ġurnata mill-lum biex tagħmel risposta.

Spejjeż ta' dan l-episodju mas-Sentenza finali.

**Illum 19, ta' Diċembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**